**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, it-30 ta' Novembru 2022**

Kaz Nru: 159/17

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Paula Ciantar)

**kontra**

**CHRIS FARRUGIA**

(Detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 163281(M))

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Chris Farrugia, iben Joseph u Maria nee' Cutajar, imwieled il-Pieta', nhar it-18 ta' Marzu, 1981, indirizz fuq il-karta tal-identita' 79, Triq San Gakbu, x-Xghajra, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 163281M, senjatament akkuzat talli;

Fis-27 ta' Lulju, 2017, u fil-gimghat u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Opera, ppromwova, biegh, jew ippartecipa fi, jew b'xi mod li jkun, ghen jew hajjar l-operat, promozzjoni jew bejgh ta' loghba mhux awtorizzata u dan bi ksur tal-Art. 6 tal-Kap. 438 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, ghamel lotterija pubblika minghajr ma qabel inghata permess mid-Direttur tal-Lottu u dan bi ksur tal-Art. 11 tal-Kap. 70 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali, *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) li permezz tal-istess Ordni, ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu[1];

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021, permezz ta' liema din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta[2];

Rat l-ezenzjoni tal-partijiet mis-smigh mill-gdid tal-provi gia mismugha minn din il-Qorti diversament preseduta[3];

Rat li fl-udjenza tas-17 ta' Mejju 2022 il-prosekuzzjoni rtirat l-ewwel u t-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-qua imputat u dana galadarba l-istess reati gew abrogati;

Rat u Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti processwali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebieti;

[1] Fol. 4 tal-atti processwali
[2] Fol. 35 tal-atti processwali
[3] Fol. 43 tal-atti processwali

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

A. Il-Fatti

Illi mill-provi mressqa jirrizulta li fis-27 ta' Lulju 2017, waqt li xi membri tar-Rapid Intervention Unit fi hdan il-korp tal-Pulizija kienu ghaddejjin bir-ronda taghhom, b'kumbinazzjoni identifikaw lill-qua imputat, Chris Farrugia, li dak iz-zmien kien qed jiccirkula ritratt tieghu fuq il-medja socjali (Facebook) talli kien qed ibiegh xi biljetti tal-lotto u jidhol fid-djar tan-nies. Huwa gie mehud gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn gie nterrogat mill-Ispettur Paula Ciantar in konnessjoni mal-loghob glandestin. Huwa gie mghoti id-dritt ghall-assistenza legali kemm qabel kif ukoll waqt l-istqarrija madanakollu huwa rrifjuta li jezercita' dan id-dritt. Fil-fatt huwa ffirma dikjarazzjoni ta' rifjut ghall-assistenza legali – hawnhekk issir referenza ghal dokument 'PC'. Fl-istqarrija rrillaxata minnu skond il-ligi vigenti prezentament u wara li nghata d-drittijiet kollha tieghu, huwa ammetta mal-pulizija li kien qed jorganizza xi loghob tal-lottu. Waqt l-istess stqarrija huwa kkonferma li fil-basket tieghu kellu bott kontenenti s-sustanza eroina. Jghid li l-ahhar li kkonsma minn din is-sustanza kien erbat ijiem qabel it-tehid tal-istess stqarrija. Ikkonferma ukoll li s-siringi li kellu fl-istess basket kien juzahom ghat-tehid tal-eroina.

B. Kunsiderazzjonijiet dwar htija o meno

Illi hekk kif inghad iktar 'il fuq f'din is-sentenza l-prosekuzzjoni rrinunzjat ghall-ewwel zewgt imputazzjoni ghaldaqstant din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn iz-zewgt imputazzjonijiet.

Illi fir-rigward tat-tielet imputazzjoni li tirrigward l-pussess semplici tas-sustanza eroina, l-abbli difensur targumenta li fil-proceduri odjerni l-prosekuzzjoni ma talbitx lill-Qorti sabiex tahtar espert bil-ghan li janalizza l-bott misjub fil-pussess tal-imputat allegatament kontenenti s-sustanza eroina. Dan huwa minnu. Madanakollu dan ma jfissirx necessarjament li din l-imputazzjoni hekk kif dedotta ma gietx pruvata. Dana qed jinghad il-ghaliex fl-istqarrija rrillaxata mill-qua imputat, skond il-ligi hekk kif inhi vigenti prezentament u cioe' wara li nghata d-dritt ghall-assistenza legali inkluz waqt it-tehid tal-istqarrija (liema dritt il-qua imputat irrinunzja hekk kif kellu kull dritt li jaghmel), Farrugia ammetta li erbat ijiem qabel kien ikkonsma s-sustanza eroina. Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova t-tielet imputazzjoni hekk kif dedotta.

C. Kunsiderazzjonijiet ai fini ta' Piena

In kwantu ghall-piena din il-Qorti ser tqis in-natura tal-imputazzjoni li taghha il-qua imputat qed jinsab hati, n-natura ta' droga involuta, c-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-fedina penali tal-imputat. Qieset ukoll li mill-atti processwali ma jirrizultax l-ammont tas-sustanza eroina li l-imputat setgha kkonsma. Madanakollu, galadarba l-imputat jammetti li kien uza mis-sustanza eroina erbat ijiem qabel it-tehid tal-istqarrija, din il-Qorti ser tqis li dan l-ammont kien inqas minn zewgt grammi, tenut kont li ssir referenza ghall-okkazzjoni wahda. Konsegwentament, f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ser tghaddi sabiex timponi l-piena specifikata fl-artikolu 4 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti 4 u 9 tal-Avviz Legali 292 tas-sena 1939 hekk kif sussegwentament emendat, **qed issib lil Chris Farrugia hati tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundanah ghall-penali ta' tmenin Ewro.**

**Fl-ahhar net il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni u dana fid-dawl tal-fatt li l-prosekuzzjoni rrinunzjat ghall-istess imputazzjonijiet.**

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur